# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 1066/20JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1066/20 fl-ismijiet:

**MALTA UNION OF TEACHERS**

vs

**THE UNIVERSITY OF MALTA ACADEMIC STAFF ASSOCIATION (U.M.A.S.A.)**, l-Università ta' Malta, u d-Direttur għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-assoċjazzjoni rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jesegwixxi, ikompli jikkunsidra, jiddeċiedi u/jew jikkonkludu l-proċess ta' rikonoxximent ta' l-University of Malta Academic Staff Association (UMASAQ) bħala s-*sole collective bargaining union* fir-rispett ta' Akkademiċi (imsejħa *Resident Academics* u *Research Academics*) impjegati mal-Università ta' Malta, *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112 ('A'), kif mitlub mill-istess UMASA, inkella milli jirrikonoxxu lill-University of

Malta Academic Staff Association (UMASA) bħala s-*sole collective bargaining union* fir-rispett ta' Akkademiċi (imsejħa *Resident Academics* u *Research Academics*) impjegati mal-Università ta' Malta";

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2020, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020;

Rat li n-notifika lill-intimati saret fl-1 ta' Settembru, 2020[1];

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur Ġenerali intimat fil-11 ta' Settembru, 2020, li biha laqgħet għat-talbiet billi fissret li s-sehem tagħha fi proċess li jitlob il-verifika u l-għarfien ta' *trade union* huwa regolat mil-liġi nnifisha[2] u li hija mxiet dejjem ma' dak li titlob minnha l-liġi. Hija seħqet li ma tidħolx fil-kwestjoni dwar jekk ġemgħa ta' ħaddiema jew *union* jikkostitwux *sole bargaining unit* għall-finijiet ta' għarfien minn prinċipal. Sehemha huwa li tqis talba li ssirilha minn *trade union* li titlob li tingħata għarfien, u li tmexxi l-proċess ta' verifika tal-appoġġ ta' tali *union* fuq is-saħħa tagħha li tidher għall-membri, u dan fuq tagħrif li jintbagħtilha f'listi provduti mill-partijiet. Hija tgħid li, f'din il-proċedura, inqabdet intortament fin-nofs ta' kwestjoni bejn ħaddieħor u ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-University of Malta Academic Staff Association fil-11 ta' Settembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' minħabba li hija bla ebda bażi fil-liġi u tmur għal kollox kontra l-jedd tagħha ta' assoċjazzjoni ħielsa u l-istess jedd tal-kategorija tal-ħaddiema li tirrappreżenta fil-maġġoranza tagħhom. Tgħid li r-rikorrenti naqset li tfisser sewwa x'inhu l-jedd li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub u tixli lir-rikorrenti li qiegħda tinqeda b'din il-proċedura biex twaqqaf proċess ta' verifika mfassal mil-liġi għaliex taf li ma tgawdix il-fiduċja tal-biċċa l-kbira mill-kategorija ta' ħaddiema milquta bit-talba għall-għarfien;

Rat it-Tweġiba mressqa mir-Rettur tal-Università ta' Malta fl-14 ta' Settembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mhix mistħoqqa għaliex mibnija fuq il-fehma żbaljata tar-rikorrenti dwar il-mod kif imissu jitqies l-għadd ta' *resident academics*, filwaqt li trid teħles milli tieħu sehem fil-proċess tal-verifika stabbilit mil-liġi għall-finijiet ta' għarfien. Huwa jgħid li l-ħruġ ta' kull att ġudizzjarju (bħalma hija t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat) qabel ma jkun intemm il-proċess ta' verifika, huwa att fieragħ u vessatorju.

[1] Paġ. 26 *tergo* tal-atti
[2] A.L. 413 tal-2016 (L.S. 452.112)

Jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba, tkun qiegħda tqiegħed lill-Università fi preġudizzju li ma jissewwiex u jista' jsarraf fi ksur tal-jedd ta' libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni kif imħarsin bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, minbarra li tqiegħed f'qagħda mwiegħra l-proċess matur tan-negozjar ta' ftehim kollettiv ġdid fl-interess tal-kategoriji kollha milquta;

Semgħet id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali intimat u tal-Università intimata waqt is-smigħ tal-15 ta' Settembru, 2020, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-assoċjazzjoni rikorrenti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-istess smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat li r-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-assoċjazzjoni rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "MUT") triq li żżomm lid-Direttur intimat milli tkompli tqis, tikkunsidra u tikkonkludi l-proċess ta' għarfien mitlub mill-assoċjazzjoni l-oħra intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "UMASA") jew li tagħti tali għarfien bħala *sole bargaining unit* lill-istess UMASA fir-rigward tal-personal akkademiku (*resident academics* u *research academics*) fil-qafas tal-proċess ta' negozjar ta' ftehim kollettiv ġdid għall-impjegati tal-Università;

Tqis li, sa mill-2001, qamu kwestjonijiet bejn l-MUT u l-UMASA dwar it-tifsir ta' "*academic staff*" u dan ukoll b'rabta mal-i*status* tal-letturi fil-Junior College f'dan ir-rigward;

Tqis li fi kwestjoni dwar għarfien li qamet bejn l-MUT u l-UMASA fl-2007, it-Tribunal Industrijali kien qatagħha li "b'seħħ immedjat l-UMASA għandha tkun parti fid-diskussjonijiet industrijali kollha, huma ta' liema natura huma, li jinżammu bejn l-Università ta' Malta u l-Malta Union of Teachers"[3];

[3] Deċ. 1751 (8.1.2007) Dok "B", f'paġġ. 9 sa 20 tal-atti

Tqis li, għal dawn l-aħħar snin, il-kundizzjonijiet tal-impieg tal-imsemmi personal akkademiku (u ta' kategoriji oħrajn) kien regolat bi ftehim kollettiv iffirmat fis-6 ta' Awwissu, 2014[4], li kemm MUT u kif ukoll UMASA kienu firmatarji bħala ż-żewġ *trade unions* magħrufa mill-Università dwar l-imsemmija kategoriji;

Tqis li l-imsemmi ftehim kollettiv għalaq fil-31 ta' Diċembru, 2018, u sa ftit jiem qabel tressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, kien għaddej il-proċess ta' negozjar ta' ftehim kollettiv ġdid bis-sehem kemm tal-MUT u kif ukoll ta' UMASA ("*multi-union bargaining*");

Tqis li għall-ħabta tal-bidu ta' Lulju, 2020, inqalgħu xi diffikultajiet dwar proposti fil-ftehim kollettiv ġdid u l-MUT kienet qiegħda tikkunsidra li tirreġistra tilwima industrijali dwarhom[5];

Tqis li b'ittra tal-24 ta' Lulju, 2020[6], mibgħuta lid-Direttur, UMASA talbet li, għar-raġunijiet hemm imsemmija, tingħata l-għarfien waħdieni tal-kategoriji ta' *resident academics* u ta' *research academics* għall-finijiet tan-negozjar tal-ftehim kollettiv ġdid, minħabba li hija tgawdi l-fiduċja tal-biċċa l-kbira tal-ħaddiema li jaqgħu f'dawk il-kategoriji;

Tqis li, b'ittra oħra tad-29 ta' Lulju, 2020[7], UMASA talbet lid-Direttur biex tniedi minnufih il-proċess tal-verifika għall-finijiet ta' għarfien kif mitlub, kif titlob il-liġi fis-seħħ;

Tqis li meta l-MUT talbet il-ħruġ ta' dan il-Mandat, l-imsemmi proċess, jekk inbeda, ma kienx għadu ntemm;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat[8];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li

[4] Dok "D", f'paġġ. 40 sa 106 tal-atti
[5] Xhieda ta' Marco Bonniċi f'paġġ. 138 – 9 u 143 – 4 tal-atti
[6] Dokti "A" u "Ċ", f'paġġ. 5 – 6 u 38 – 9 tal-atti
[7] Dok "B", f'paġġ. 7 – 8 tal-atti
[8] Art. 873(1) tal-Kap 12

tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[9]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[10];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[11]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[12] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

---

[9] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[10] Art. 875(3) tal-Kap 12
[11] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[12] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li, dwar dan l-aħħar element, l-istess Direttur intimat iddikjara waqt is-smigħ li, kieku mhux għall-fatt li r-rikorrenti ressqet ir-Rikors tallum, kieku l-proċess tal-verifika dwar l-għarfien mitlub mill-UMASA kien se jitkompla;

Tqis għalhekk li bl-imsemmija dikjarazzjoni dan l-element għall-ħruġ tal-Mandat jinsab ippruvat kif imiss;

Tqis li dwar il-jedd li MUT trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat, hija fissritu għaliex tqis li t-talba ta' UMASA għall-għarfien "hija abusiva u twassal għal proċess ivvizjat, *inter alia* minħabba l-mod inkorrett ta' kif qegħdin jiġu ikkunsidrati l-listi tal-impjegati u min għandu jkun fil-listi relevanti" u wkoll għaliex dik it-talba "hija magħmula bil-għan li tittenta ġġib fix-xejn il-kunsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni li ħa t-Tribunal Industrijali fid-deċiżjoni tiegħu tat-8 ta' Jannar 2007" dwar l-għarfien. Matul is-smigħ tat-trattazzjoni tar-Rikors, ir-rappreżentant tal-MUT fisser f'aktar dettal dawn iż-żewġ ilmenti;

Tqis li, waqt it-trattazzjoni tar-Rikors, l-għaref difensur tal-istess rikorrenti qal li, qabel ma jista' jissokta l-proċess tal-verifika, jeħtieġ "il-ħarsien tal-organu kompetenti" biex iħoll il-kwestjoni ta' min għandu jitqies li jaqa' fil-kategoriji li dwarhom UMASA titlob l-għarfien sindakali waħdieni;

Tqis li, minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, il-jedd mad-daqqa t'għajn li fuqu l-MUT issejjes it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat huwa deċiżjoni (ġudizzjarja jew mod ieħor minn tribunal) li tiddetermina minn qabel dan in-nuqqas ta' qbil bejn l-MUT u l-UMASA;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà[13], disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;

Tqis ukoll li safejn ir-raġuni li ssejjes it-talba tal-ħruġ tal-Mandat hija l-biżgħa li l-proċess tal-verifika maħsub mil-liġi[14] jista' jkun imdennes bl-inċertezza ta' min imissu jkun fuq il-listi mressqa għall-kunsiderazzjoni tad-Direttur intimat, m'hijiex, fil-fehma tal-Qorti, jedd li joħroġ mad-daqqa t'għajn b'mod li, bis-saħħa tiegħu waħdu, tista' tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan. Dan jingħad għaliex il-proċess tal-verifika – maħsub sewwasew biex

[13] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[14] Ara reg. 4(3) tal-A.L. 413/16 (L.S. 452.112)

isib tarf ta' kwestjonijiet bħal din – huwa ta' fejda biżżejjed li jwarrab l-imsemmija biżgħa, jekk kemm-il darba jitmexxa b'ħarsien xieraq tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi;

Tqis ukoll li safejn MUT issejjes il-jedd mad-daqqa t'għajn tagħha fuq iż-żamma tal-"i*status quo*" maħluq bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-2007, din il-Qorti wkoll ma ssibx li tali pretensjoni hija biżżejjed biex fuq is-saħħa tagħha toħroġ il-Mandat mitlub. Dan jingħad għaliex, minbarra li l-imsemmija deċiżjoni ttieħdet f'ċirkostanzi fejn dak iż-żmien l-Università kienet ħadet il-pożizzjoni li tagħti għarfien waħdieni ("*sole recognition*") lill-MUT fl-Università (li, minn dak li joħroġ mill-atti fil-proċedura tallum, mhijiex aktar il-pożizzjoni meħuda mill-Università), huwa magħruf li l-għarfien ta' *trade union* mill-prinċipal hija kwestjoni kemm ta' fatt u kif ukoll ta' dritt[15] li timxi maċ-ċirkostanzi taż-żmien[16];

Tqis għalhekk, li l-MUT ma wrietx il-jedd mad-daqqa t'għajn li huwa meħtieġ biex tista' tintlaqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Tqis li ladarba dan l-element ewlieni ma jirriżultax, it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa', u mhux meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ jekk jirriżultawx l-elementi l-oħra meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat. Madankollu, l-Qorti jidhrilha xieraq li żżid li UMASA, bħala *trade union* reġistrata taħt il-liġi fis-seħħ, għandha wkoll jedd lil hinn mid-daqqa t'għajn li titlob għarfien minn prinċipal għal dak li jirrigwarda negozjar ta' ftehim kollettiv dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kategoriji ta' ħaddiema mseħbin magħha[17], jekk jikkonkorru l-elementi magħrufa mill-istess liġi biex dan l-għarfien jista' jingħata. Dan il-jedd illum jista' jitwettaq bil-mekkaniżmu ta' verifika li l-liġi nediet sewwasew bil-ħsieb li ssib tarf ta' kwestjonijiet dwar għarfien għall-finijiet ta' negozjar kollettiv bla ma jkun meħtieġ li wieħed ikollu jirrikorri għal-litigazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-assoċjazzjoni rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub billi ma ntweriex li jeżistu l-elementi li titlob il-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar '*contrario imperio*'** d-degriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2020, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

[15] *Per* Phillips j. fil-kawża fl-ismijiet ***National Union of Gold, Silver & Allied Trades vs Albury Bros. Ltd*** [1978] I.R.L.R. 504
[16] App. Ċiv. **13.3.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Fenech noe vs Joseph N. Tabone noe et*** (mhix pubblikata)
[17] Trib. Ind. **2.8.1989** fit-tilwima tax-xogħol fl-ismijiet ***Union of Cabin Crew vs Air Malta Co Ltd.***

**Tordna** li r-rikorrenti tħallas **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, il-25 ta' Settembru, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**